**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 3 ta' Dicembru 2024**

**Rik. Gur.Nru.:469 /2023 JPG**

**Kawza nru.: 22**

**AP**

**Vs**

**KP**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AP datat 31 ta' Awissu 2023, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Il-partijiet iżżewġu fit-8 ta' Settembru tas-sena 2012, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala 'Dok A', u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt it-tfal, M u S ahwa P, li twieldu f' X u f'Y rispettivament.*

2. *Il-kontendenti jinsabu ghaddejjin minn proceduri kontenzjuzi ta' separazzjoni personali li gew intavolati minn KP fis-7 ta' Mejju tas-sena 2018, liema proceduri jinsabu differiti ghall-provi tal-esponenti quddiem l-Assistant Gudizzjarju. Nonostante, l-kontendenti ilhom separati b'mod de facto ghal izjed minn sena, u cioe' ghal zmien li jeccedi l-minimu impost mil-Ligi ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

3. *Ma hemm ebda' prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante lli ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.*

4. *Sad-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors ma hemm l-ebda' pendenzi ta' manteniment, u d-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 19 ta' Settembru tas-sena 2018 ('Dok B') li jirregola l-arretrati tal-manteniment bejn il-partijiet, qieghed jigi osservat da parti tal-esponenti fl-interess tieghu.*

5. *Dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

6. *L-affidavit tar-rikorrenti in sostenn tas-suespost jinsab hawn anness u mmarkat bhala **'Dok. C'***

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. ***Tippronunzja** l-hall taz-zwieg ezistenti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. ***Tordna** lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' KP datata 24 ta' Mejju 2024 , a fol 25 li taqra hekk:

1. *Illi fir-rikors promotur ir-rikorrenti qieghed jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ezistenti bejn il-partijiet u dan a tenur tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Illi kif irrileva r-rikorrenti stess fir-rikors promotur l-esponenti KP kienet intavolat rikors ghal kawza ghal separazzjoni personali bejn il-partijiet fis-7 ta' Mejju tas-sena 2018 (Rik. Gur. 112/2018/AL) u liema proceduri ta' natura kontenzjuza ghadhom sa issa qeghdin jinstemghu quddiem dina l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta u dan bid-differiment li jmiss iffissat ghad-29 ta' Mejju 2024.*

3. *Illi l-esponenti taqbel illi l-partijiet ilhom separati b'mod de facto ghal izjed minn sena u illi ukoll ma tezisti l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

4. *Illi huwa minnu illi rigward it-talba ghall-pronunzjament ta' divorzju, il-ligi, permezz tal-Artikolu 66F tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, taghti l-fakolta' lil kull parti f'kawza ta' separazzjoni li f'kull waqt matul dik il-kawza, izda qabel ma l-kawza tigi mhollija ghas-sentenza, titlob illi t-talba ghas-separazzjoni maghmula f'dik il-kawza titqies minflok bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju;*

5. *Illi pero' l-ligi tistabbilixxi wkoll dak ikkontemplat f'Artikolu 66F (3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi fejn meta mill-inqas wiehed mill-partijiet jaghmel talba ghad-divorzju, it-talbiet ghas-separazzjoni u ghad-divorzju f'kull kaz, ghandhom jinstemghu u jigu decizi flimkien mill-istess Qorti u illi ghalhekk ikun hemm il-konnessjoni tal-kawzi;*

6. *Illi dan ir-rekwizit ghalhekk japplika bis-shih ghall-kaz in ezami u dan gialadarba illi l-partijiet diga' qeghdin fi proceduri ta' separazzjoni u liema kawza kif diga suespost qieghda tinstema quddiem dina l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta (Rik. Gur. 122/2018/AL);*

7. *Illi fil-kawza ta' separazzjoni personali sucitata ghadhom qeghdin jinstemghu il-provi sabiex tigi ddeterminata l-kawza tat-tifrik taz-zwieg ta' bejn il-partijiet u dan sabiex jigu stabbiliti l-addebiti versu l-partijiet, liema addebiti konsegwentament u direttament jimpingu fuq il-mertu tal- istess kawza, u dan sabiex sussegwement l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta fid-decizjoni taghha fuq l-istess kawza ta' separazzjoni vigenti bejn il-partijiet tattribwixxi lill-partijiet it-tali konsegwenzi hekk kif imposi mill-ligi;*

8. *Illi ukoll l-Artikolu 66D (5) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta huwa car fejn f'kazijiet fejn talba ghal divorzju ma tkunx preceduta minn kuntratt ta' separazzjoni konsenswali jew minn sentenza ta' separazzjoni personali li tittermina u tillikwida l-assi tal-komunjoni, l-Qorti tista' biss titratta u tiddeciedi talba ghal divorzju jekk it-talba ssir miz-zewg konjugi flimkien u jekk il- komunjoni tal-akkwisti tkun gia' waqfet;*

9. *Illi filwaqt illi huwa pacifiku illi l-komunjoni tal-assi ta' bejn il-partijiet gia' iddezistiet milli tezisti, u dan minhabba li l-partijiet kienu rregolati mir-regim tas-separazzjoni tal-beni, zgur illi ma jistax jintqal illi t-tali talba ghal divorzju de quo saret miz-zewg konjugi flimkien.*

10. *Illi ghalhekk jekk dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara u tippronunzja t-talba ghad-divorzju qabel ma l-Qorti kif diversament preseduta tiddikjara u tippronunzja t-talba ghal separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet, id-drittijiet tal-esponenti ser ikunu qeghdin jigu ppregudikati;*

11. *Illi huwa propju ghalhekk illi l-esponenti ghalhekk umilment tirrileva illi it-talba odjerna ghal divorzju hekk kif intavolata mir-rikorrenti ghandha tigi mismugha u deciza flimkien mal-kawza ta' separazzjoni personali illi bhalissa qed tinstema quddiem l-Onorabbli Qorti hekk kif diversament preseduta u illi b'hekk ghandu jkun hemm konnessjoni tal-kawzi;*

12. *Illi inoltre ghal dan u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur naqas milli jottempora ruhu mad-dispozizzjonijiet tal-Ligi Sussidjarja 12.20 li tistipula illi sabiex konjugi jipprocedi b' kawza ta' divorzju mhux precedut minn kuntratt ta' separazzjoni konsenswali jew sentenza ta' separazzjoni jehtieg illi jintavola rikors ghall-medjazzjoni u jipprocedi biss jekk jigi hekk awtorizzat mill-Qorti.*

13. *Illi wkoll konsiderando s-suespost l-esponenti m'ghandiex tbati l-ispejjez ta' din l-istanza;*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-***

*Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.*

*(… omissis)*

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-*

> ***qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-8 ta' Settembru 2012 liema zwieg jgib certifikat numru 2438/2012 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 5). Minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom zewgt itfal, MP u SP li twieldu f'X u f'Y rispettivament.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet **ghadhom mhux separati formalment la permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali u lanqas permezz ta' sentenza.** Filfatt l-partijiet ghad ghandhom il-proceduri ta' separazzjoni personali pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta. Ghalhekk jirrizulta li l-vertenzi ta' bejn il-partijiet ghadhom fil-kontenzjuz u ghadhom qed jingiebu l-provi tal-partijiet fuq it-talbiet jew id-difizi taghom ghall-istess.

Il-Qorti mhux tiddubita li l-partijiet jissodisfaw ir-rekwizit tal-ligi li ilhom jghixu separatament ghat-terminu hemm prefiss kif ukoll li mhemmx prospett ta' rikonciljazzjoni. Il-Qorti rat ukoll illi l-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Madanakollu, tenut kont li ghadd ma hemmx id-divizjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u l-aspetti relattivi ghall-minuri li ghad jridu jigu decizi, din il-Qorti ma tistax tghaddi sabiex tiddikjara z-zwieg tal-partijiet bhala xolt u tippronunzja d-divorzju, meta ma hemmx pronunzjament gudizzjali tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u apporzzjonament tal-gid ta' zwieg bejn il-partijiet. Ma jistax ikun li zwieg jigi mahlul minghajr il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u approzzjonament tal-gid. Filfatt it-talba ghad-divorzju, (gja la darba hemm kawza ta' separazzjoni personali pendenti quddiem din il-Qorti diversment preseduta) kellha ssir b'applikazzjoni tal-artikolu 66F tal-Kap. 16 tal-

Ligijiet ta' Malta u cjoe permezz ta' rikors sabiex t-talbiet ghall-separazzjoni jigu mibdula u jitqiesu bhala talbiet ghall-pronunzjament tad-divorzju. Tali rikors kellhu jigi ntavolat qabel il-kawza tas-separazzjoni tithalla ghas-sentenza liema talba kellha tigi maghmula fl-atti tal-kawza ta' separazzjoni. In fatti, l-artiklu 66F tal-Kap.16 jipprovdi :

> ***Kull parti f'kawża ta' separazzjoni, tista' f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju….***

B'hekk d-divorzju jigi ddikjarat kontestwalment mas-separazzjoni personali izda jkun hemm ordnijiet u pronunzjament tal-Qorti fil-vertenzi kollha bejn il-partijiet inkluz dawk rigwardanti t-tfal u l-assi patrimonjali tal-partijiet.

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-gurisprudenza msemmija fin-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet, liema gurisprudenza tkompli ssahhah it-tezi ta' din il-Qorti. Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti nhar il-11 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet *FH vs KH (Rik Nru 273/2021),* huwa minnu li l-partijiet ma kienux legalment separati izda fl-istess rikors, il-partijiet resqu talbiet kemm fuq il-kura u kurstodja tal-minuri, kemm fuq kunjom il-parti, kif ukoll fuq ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk meta din il-Qorti ghaddiet biex tippronunzja u tiddikjara z-zwieg tal-partijiet xolt, **ghaddiet ukoll biex taghti pronunzjament fuq l-aspetti l-ohra ta' bejn il-partijiet u b'hekk ma thalla xejn pendenti**. Bl-istess mod, fil-proceduri bin-numru 508/2013 decizi minn din il-Qorti diversament preseduta nhar il-25 ta' Gunju 2014, ghalkemm il-partijiet ma kienux legalment separati qabel resqu t-talba ghad-divorzju, madanakollu **din il-Qorti ghamlet referenza ghal fatt li ma kienx hemm assi x'jigu likwidati stante li l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet kienet giet xolta permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni tal-beni fit-2 ta' Marzu 2010. Fl-istess sentenza kien hemm pronunzjament ukoll fir-rigward tal-minuri bint il-partijiet.**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni t-talbiet tal-attur, billi din il-Qorti ma tistax proceduralment jew sostantivament tordna l-hall taz-zwieg meta l-vertenzi ta' bejn il-partijiet fil-kawza ta' separazzjoni personali**

**ghadhom pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta, (vide Rik.Gur.112/2018/AL).**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jithallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**